**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Gunju, 2019**

**Talba Nru: 23/2019PM1**

**Peter Borg (K.I. 518688(M)) ghan-nom u in rapprezentanza ta' Red Electrik**

**V.**

**Integrated Electronics Limited (C14470)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Frar, 2019 illi permezz tieghu l-attur talab li dana t-Tribunal jiddeciedi u jiddikjara li s-socjeta konvenuta hija debitrici tal-attur fl-ammont imsemmi ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500), jordna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur l-ammont imsemmi ta' elfejn u hames mitt euro (€2500) bl-imghaxijiet mid-data ta' meta l-ammont sar dovut sad-data tal-effettiv pagament bl-

ispejjez, inkluz dawk referibbli ghal ittra ufficjali intavolata ai termini tal-art. 166A tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta datata 3 t'April, 2019 li permezz taghha eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok Red Electric ma ghandhiex personalita` guridika u ghalhekk ma tistax tkun parti f'kawza wkoll jekk rapprezentata mill-attur Peter Borg. Illi wkoll irid jigi skjarit jekk it-talba odjerna tigborx fiha l-pretenzjonijiet tal-membri l-ohra tal-grupp Red Electric illi ma humiex parti f'din il-kawza.
2. Illi assolutament mhuwiex minnu illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tal-attur fis-somma ta' €2,500 peress illi l-ftehim bejn il-kontendenti kien ferm aktar kumplikat ghaliex kien l-attur li avvicina lis-socjeta` konvenuta biex il-grupp tieghu jorganizza avveniment fil-fond Ryan's Pub, allura gestit mis-socjeta` konvenuta, u kien l-istess attur li assuma fuqu d-dettalji kollha ta' din l-organizzazzjoni bl-assikurazzjoni moghtija minnu lis-socjeta` konvenuta illi dan l-avveniment sejjer irendi profitti kbar li minnhom sehem l-attur kellu jkun ta' €2,500. Gara pero` illi minhabba l-inkompetenza jew nuqqas ta' hila jew dizinteress tal-attur, l-avveniment kien fjask b'telf kbir ta' flus, b'attendenza minima ta' nies dizinteressati u b'bejgh minimu mill-bar. Dan kollu kien appuntu l-oppost ta' dak illi kien wieghed l-attur.
3. Illi in vista tal-imgieba tal-istess attur, kif inghad u kif sejjer ukoll jirrizulta fil-kors tal-kawza, is-socjeta` konvenuta qeghda teccepixxi l-eccezzjonijiet ta' *pactum commissorium tacitum* u kif ukoll l-eccezzjonijiet *inademplenti non est adimplendum*.
4. Bl-ispejjez kontra l-attur u b'rizerva ta' danni.

Ra n-nota tal-attur datata 24 ta' Mejju, 2019 bid-dokumenti hemmhekk annessi.

Ra li waqt is-seduta tal-14 ta' Gunju, 2019 l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi x'jipproducu fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni preliminari.

Sema' t–trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra li l-kawza baqghet differita ghas-sentenza finali fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta` intimata

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi din hija decizjoni tat-Tribunal fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` intimata u li permezz taghha jinghad li "*Red Electric m'ghandhiex personalita` guridika u ghalhekk ma tistghax tkun parti f'kawza wkoll jekk rapprezentata mill-attur Peter Borg. Illi wkoll irid jigi skjarit jekk it-talba odjerna tigborx fiha l-pretensjonijiet tal-membri l-ohra tal-grupp Red Electric illi ma humiex parti f'din il-kawza*".

Illi bhala provi migburin fir-rigward ta' tali eccezzjoni, l-attur ressaq is-segwenti provi dokumentali :

1. Ittra ufficjali mahruga that l-art. 166A tal-**Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili** (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) mibghutha minn "*Peter Borg **<u>ezercitanti fil-kummerc taht l-isem Red Electrick</u>***" u dana relattivament ghall-istess mertu tal-kawza odjerna;
2. Dikjarazzjoni notarili tan-Nutar Dr. Eric Wadge datata 19 ta' Gunju, 2018 li permezz taghha l-attur flimkien ma' Ivan Borg, Aleandro Spiteri Monsigneur u Joseph Muscat "***<u>declare to have decided to form a partnership named 'Red Electrick on the 19/06/2018"</u>***". Ma gie ezebit l-ebda document li juri jekk, wara

tali dikjarazzjoni tali *partnership* giex effettivament kostitwit, x'kienu l-funzjonijiet tieghu (imqar jekk hux civili jew kummercjali) u, f'kaz ta' kostituzzjoni tal-istess, min kien l-amministratur awtorizzat sabiex jirrapprezenta l-istess ai fini guridici. Ma' tali dokument hemm biss anness certifikat mahrug mill-Ministeru tal-Finanzi fir-rigward tar-registrazzjoni ai fini tal-VAT f'isem Red Electrick.

Illi da parti tieghu s-socjeta` intimata ddikjarat, tramite l-avukat difensur taghha, li qed tistrih fuq l-atti hekk prezentati filwaqt li waqt is-seduta tal-14 ta' Gunju, 2019 l-avukati difensuri tal-partijiet bi qbil bejniethom informaw lit-Tribunal illi l-avveniment mertu tal-kawza sehh fil-11 ta' Mejju 2018 ukoll li, bi qbil bejn il-partijiet, dan il-fatt huwa inkontestat.

Illi f'dan ir-rigward it-Tribunal ikollu tabilfors jitlaq mill-premessa li permezz tal-eccezzjoni taghha s-socjeta` intimata tikkontendi li Red Electric m'ghandhiex personalita` guridika u konsegwentement ma tistax tkun parti fil-kawza odjerna ukoll hekk kif rapprezentata. Da parti tieghu l-attur jikkontendi li Red Electric tinsab registrata bhala *partnership* u f'dan is-sens ezebixxa l-hekk imsejjah 'partnership agreement' surreferit.

F'dan ir-rigward jehtieg li ssir tabilfors referenza ghat-Tieni Skeda tal-**Kodici Civili** li tirregola proprju l-materja tal-persunalita` guridika.  Tali skeda taghmel referenza ghall-htiega ta' registrazzjoni fi hdan ir-Registru tal-Persuni Guridici (art. 3 tat-Tieni Skeda li tipprovdi espressament li:

"*Persuni ġuridiċi huma* ***organizzazzjonijiet li jkollhom personalità ġuridika****. Il-personalità ġuridika tinkiseb permezz tal-għarfien formali mill-Istat. L-għarfien mill-Istat jeħtieġ att speċifiku ta' għarfien u l-ebda att amministrattiv ieħor tal-Istat, fir-rigward ta' organizzazzjoni jew attività, ma jikkostitwixxi għarfien. Ħlief meta l-personalità ġuridika tkun rikonoxxuta jew stabbilita bil-liġi jew trattat internazzjonali jew ftehim jew*

*hija mogħtija bis-saħħa tar-reġistrazzjoni skont xi liġi speċjali,* ***il-personalità ġuridika għandha tinkiseb biss minn organizzazzjoni meta din tiġi reġistrata mar-Reġistratur għall-Persuni Ġuridiċi skont l-artikolu 12.***" (enfazi mizjuda)

Tali Skeda tipprovdi wkoll ghal setghat li ghandu jkollhom organizzazzjonijiet mhux hekk registrati, u li kwindi ma jistghux jitqiesu persuni guridici. Dawn is-setghat jinkludu s-setgha ta' tali organizzazzjoni li tharrek f'isimha stess sakemm debitament rapprezentata:

"O*rganizzazzjoni mhux reġistrata tista' tiġi mħarrka f'isimha stess u hija rappreżentata fil-proċeduri ġudizzjarji minn amministratur.* ***Organizzazzjoni mhux reġistrata tista' tħarrek f'isimha stess u hija rappreżentata mill-persuna li, skont l-istatut, mill-amministratur uniku jew, jekk ikun hemm aktar minn amministratur wieħed, minn żewġ amministraturi li jkunu.***" (enfazi mizjuda - art. 14(4) tat-Tieni Skeda tal-**Kodici Civili**)

Illi fil-kaz in ezami it-Tribunal ma jistax ma jikkunsidrax illi, skont il-ligi, il-proceduri quddiemu ghandhom jigu trattati b'mod sommarju u minghajr formalita` zejda. Madanakollu dan m'ghandux ikun a skapitu ta' gudizzju ekwu u skont il-ligi.

Illi l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta hija cara fis-sens li l-organizzazzjoni ta' persuni maghrufha bhala Red Electric jew Red Electrik kif indikata fl-avviz jew Red Electrick kif indikata fid-dikjarazzjoni notarili m'ghandhiex persunalita` guridika distinta u kwindi ma tistax tagixxi guridikament. Jitqanqal ukoll il-punt dwar dwar jekk it-talba hijiex intiza li tinkludi wkoll il-pretensjonijiet tal-membri l-ohrajn tal-grupp.

Illi it-Tribunal isib li ghalkemm l-ewwel parti tal-eccezzjoni tinsab pruvata fis-sens li ma tressqet l-ebda prova li l-grupp muzikali gie debitament registrat fi hdan ir-Registru tal-Persuni Guridici (u kwindi a tenur tal-art. 3 tat-Tieni Skeda tal-**Kodici Civili** ma tistax

tivvanta persunalita` guridika distinta), madanakollu dan ma jfissirx li awtomatikament tali organizzazzjoni m'ghandhiex *locus standi* f'dawn il-proceduri u dana in vista ta' dak li jinsab espressament provdut taht l-art 14(4) hawn fuq citat u cioe` in vista tas-setgha li tharrek f'isimha moghtija lil organizzazzjonijiet anke meta dawn jirrizultaw mhux registrati. Sabiex hekk tharrek f'isimha tali organizzazzjoni trid tkun rapprezentata mill-amministratur uniku skont l-istatut jew minn zewg amministraturi.

Fil-kaz in ezami ma saret ebda prova tal-istatut wisq anqas li l-attur Borg huwa l-amministratur appuntat ghal tali skop. Lanqas ma saret ebda prova koncernanti l-involviment o meno ta' kwalunkwe pretensjoni li ghandhom jew seta' kellhom il-membri l-ohrajn tal-grupp. Id-dicitura tal-avviz tindika bl-aktar mod car li t-talba hija proposta mill-attur f'ismu tant illi qed jintalab li t-Tribunal jiddeciedi u jiddikjara li s-socjeta` konvenuta **<u>hija debitrici tal-attur</u>** fl-ammont reklamat, flimkien ma' ordni ta' hlas favur **<u>l-istess attur</u>**. Jirrizulta wkoll li bi qbil bejn l-istess partijiet fil-kawza, li l-azzjoni odjerna tirrigwardja avveniment li sehh fil-11 ta' Mejju, 2018 filwaqt li d-dikjarazzjoni sottoskritta mill-attur flimkien ma' terzi tirreferi ghal-intenzjoni tal-partijiet li jistabilixxu l-*partnership* taghhom fid-19 ta' Gunju, 2018.

Aktar minn hekk anke s-sottomissjonijiet tar-rapprezentant legali tal-attur kienu kunfliggenti fis-sens illi jekk, fuq naha, gew citati decizjonijiet li permezz taghhom il-Qrati Taghna kkunsidraw li d-ditta m'hijiex hlief isem li n-negozjant imexxi n-negozju tieghu u wara d-ditta – minghajr persunalita` guridika - hemm dejjem in-negozjant stess (ara f'dan is-sens **Paul Tabone v. Charles Grech** deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Dicembru, 2004 u **Av. Dr. Luigi Sansone noe v. Immobilier France Limited** deciza mill-Onor. Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-2 t'Ottubru, 2012), fl-istess waqt gie wkoll sottomess li l-grupp muzikali tal-attur ghandu jitqies socjeta` b'amministrazzjoni fdata f'idejn is-socji kollha (u f'dan ir-rigward ticcita l-art. 1673(a) tal-**Kodici Civili**). Fil-fatt la tressqu provi fis-sens li l-isem tal-grupp huwa ditta (skont kif indikat mill-ittra ufficjali interpellatorja) u lanqas li tali isem jirrapprezenta socjeta`

debitament formata skont il-ligi. It-Tribunal ma jistax jaccetta sottomissjonijiet bhal dawn ghal kollox kampati fl-arja oltre li kontraditorrji bejniethom.

Illi ghal fini ta' kompletezza it-Tribunal ma jistax ma jinnotax li kien jinkombi fuq l-attur li mhux biss jezebixxi tali dikjarazzjoni li turi l-intenzjoni li tigi stabilita` l-*partnership* imma wkoll li, skont dak sottomess minnu stess,

(i) jipprova li, l-isem 'Red Electrick' jew 'Red Electrik' huwa isem ditta li warajha hemm l-attur biss jew

(ii) jipprova li gie effettivament furmat il-*partnership* civili jew kummercjali jew organizzazzjoni ohra a tenur tal-**Kodici Civili** oltre l-mera intenzjoni dikjarata tas-socji,

(iii) jipprova li anke fin-nuqqas ta' registrazzjoni huwa amministratur uniku skont l-istatut tal-organizzazzjoni mhux registrata u

(iv) jipprova wkoll li tali *partnership* u/jew organizzazzjoni b'xi mod koncess mil-ligi, wirtet jew accettat minghand il-membri taghha drittijiet u/jew pretensjonijiet legali naxxenti qabel id-data ta' kostituzzjoni taghha.

Minn dan kollu l-attur ma prova xejn salv intenzjoni sottoskritta mis-socji li jiffurmaw socjeta` u kwindi huwa car li t-Tribunal ma jistax f'tali cirkostanzi jittratta bhala ammissibbli azzjoni intavolata minn persuna fizika f'isem ditta jew organizzazzjoni jew *partnership* fin-nuqqas ta' tali rekwiziti legali debitament pruvati. Huwa car ukoll illi, fin-nuqqas ta' tali provi, l-azzjoni odjerna ma tistax tigi legalment sostnuta u lanqas jista' jkun koncepibbli li tigi salvata permezz ta' korrezzjoni jew permezz tas-sejha fil-kawza ta' terzi persuni li l-attur stess ghazel li ma jinkludix fiha.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, konsegwentement jichad it-talba attrici kif dedotta bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess attur.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**